MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 628/1998/1

**Avviz numru 628/98DM**

**Korporazzjoni EneMalta**

**Vs**

**John Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira u seba' u ghoxrin centezmu (Lm385.27) rapprezentanti danni sofferti mill-istess korporazzjoni attrici bhala konsegwenza ta' hsarat kawzati mill-konvenut fuq proprjeta tal-korporazzjoni attrici f'B'Kara By Pass, B'Kara fit-8 ta' Ottubru 1995, liema

hsarat graw unikament minhabba imperizja u traskuragni da parte ta’ l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Dicembru 1996 u bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-istess ittra ufficjali u bis-subizzjoni tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament il-fatt illi l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni msemmija fl-avviz;
2 Sekondarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi l-Korporazzjoni attrici trid tipprova illi d-danni minnha reklamati fil-fatt jammontaw ghall-ammont mitlub fl-avviz;
3 It-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;
4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tat-23 ta’ Novembru 1999 fejn il-konvenut irtira it-tielet eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat l-affidavit esibit;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici u anke pprezenta nota tal-eccezzjonijiet in sostenn ta’ tali kontestazzjoni, huwa ma pprezenta ebda prova lanqas fid-deposizzjoni tieghu sabiex jirrebatti l-provi tal-atturi.

Il-provi prodotti mill-atturi infatti jikkonfermaw illi fit-8 t’Ottubru tal-1995 il-konvenut, John Cachia, kien tilef il-

kontroll tal-vettura tieghu waqt li kien qieghed isuq go Dun Karm Psaila Street, B'Kara, b'konsegwenza li laqghat u ddanneggja arblu tad-dawl tal-korporazzjoni attrici illi kien installat fl-istess triq.

Mill-istess provi attrici jirrizulta illi l-konvenut kien irrilaxxa stqarrija lill-ufficjal tal-Pulizija li nvestiga l-kaz, f'liema stqarrija kien ddikjara  illi huwa kien qed jassumi r-responsabbilta' ghal hsara ikkawzata fl-arblu u li kien lest illi jghamel tajjeb ghad-danni.

Inoltre l-atturi spjegaw id-diversi partiti komprizi fir-riparazzjonijiet li jammontaw ghat-total ta' Lm385.27 (tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmi) kif jirrizulta mill-*istatement of expenditure* esibit bhala dokument SD1 a fol 9 (tal-process).

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma mitluba ta' Lm385.27 (tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Dicembru tal-1996, id-data tan-notifika tal-ittra ufficjali espedita lilhu mill-atturi fit-3 ta' Dicembru tal-1996;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------